A.L. 108 ta' l-1989

ATT TA' L-1967 DWAR IL-BANK ĊENTRALI TA' MALTA (ATT NRU. XXXI TA' L-1967)

Avviż ta' Tibdil fl-Ammont Minimu ta' Deheb

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bis-subartikolu 1 (ċ) (i) ta' l-artikolu 15 ta' l-Att ta' l-1967 dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta, il-Ministru tal-Finanzi, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord tad-Diretturi tal-Bank Ċentrali ta' Malta, b'dan jordna illi l-ammont minimu ta' ingotti tad-deheb li għandu jkollu l-Bank bħala riżerva ta' attiv estern tiegħu għandu jkun ta' 100,000 uqija *troy*.